# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Dicembru, 2001 .**

**Avviz numru : 23/2001GT(GM)**

Joseph Magro .

**VS**

**Mark Attard .**

**It-Tribunal ,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat prevja dikjarazzjoni li l-ammont mitlub huwa dovut lill-attur, li jhallas lill-attur il-pagament ta' mitejn u zewg liri maltin (Lm202) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' hames mija u tnejn u hamsin liri maltin (Lm552) prezz ta' xoghol ta' panel beating, qugh ta' sadid, u spray painting fuq il-vettura tal-konvenut Seat Ibiza JAC 485, mill-liema ammont intier huwa ghadu hallas il-pagament ta' tliet mija u hamsin liri maltin (Lm350) u halla bilanc pretiz dan oltre l-ammont ta' tnejn u tmenin lira maltin u tmenin centezmi (Lm82.80) rapprezentanti taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) fuq l-ammont intier ta' Lm552 .

Ix-xoghol sar f'Ottubru jew Novembru tas-sena 1999 .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittri interpellatorji tas-26 ta' Awissu, 2000 u tas-7 ta' Dicembru 2000, u bl-imghaxijiet skond il-ligi minn meta tlestew ix-xoghlijiet sal-hlas effettiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni debitament imharrek .

Ra r-risposta tal-konvenut illi eccepixxa :

Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' artikolu 2148 (a) ta' Kap 16, Kodici Civili, u dan peress illi ghaddew aktar minn tmintax-il xahar minn mindu saru x-xoghlijiet fuq il-vettura tal-esponenti .

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti kien inghata stima ta' prezz tax-xoghlijiet ta' tlett mija u hamsin lira maltin (Lm350) ta' xoghol fuq balancing tar-rota . Illi din l-istima kienet tinkludi l-VAT peress illi skond il-ligi ezattament l-artikolu 89 tal-Value Added Tax 1998 (Act XXIII. 1998) il-prezz ikun jinkludi t-taxxa . Ghaldaqstant, l-attur kien qieghed jitlob is-somma totali ta' erba' mija u hamsin (Lm450) u mhux ta' hames mija u tnejn u hamsin lira (Lm552) kif allegat fic-citazzjoni tieghu.

Illi fil-fatt, l-esponenti hallas l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350) ghal xoghol ta' spray . Hu rrifjuta li jhallas ir-rimanenti mitt lira, peress illi x-xoghol fuq il-balancing sar hazin . Fil-fatt, meta ha l-vettura tieghu ghal VRT, ic-chassis kien mghawweg b'sittax-il grad hazin .

Ra l-kontro-talba tal-konvenut li ppremetta li peress illi kawza tax-xoghlijiet hziena fuq il-vettura tal-konvenut, u tort tal-balancing hazin, il-vettura tal-konvenut ma baqghetx roadworthy, u konsegwenza ta' hekk, kienet involuta f'incident tat-traffiku fis-sebgha (7) ta' Settembru 2000, u talab lill-attur jghid ghaliex ma ghandux ihallas id-danni kollha kagunati tort ta' dan l-incident, u dan kif jigi ppruvat ulterjorment waqt il-kors tal-kawza .

Ra r-risposta ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn eccepixxa :

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu .

2. Salvi eccezzjoni ulterjuri .

Sema' l-provi taz-zewg partijiet kontendenti .

Ikkunsidra .

Illi ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, a tenur tal-artikolu 2148(a) ta' Kap 16, ma jidhirx li ghaddew tmintax-il xahar mill-ahhar pagament li ghamel il-konvenut sakemm gie pprezentat l-avviz u ghalhekk ma tirrizultax . Fil-fatt il-konvenut ma ressaq ebda provi dwar din l-eccezzjoni .

Illi l-ftehim t'appalt bejn il-partijiet sar verbalment u almenu mill-provi li gew sottomessi quddiem dan it-Tribunal l-anqas jirrizulta li l-attur irrilaxxja xi stima jew invoice tax-xoghol li kellu jigi minnu esegwit . Kif spiss jigri f'kazi bhal dawn, l-attur jaghti verzjoni mod tal-ammont, u/jew xorta ta' xoghol ordnat u l-prezzijiet, filwaqt li l-konvenut jaghti l-verzjoni tieghu, u t-Tribunal ikollu l-kompitu difficli biex jara liema wahda miz-zewg verzjonijiet hija dik veritjiera .

Illi l-karozza kien xtraha l-konvenut *second-hand* .
Illi skond l-attur, il-konvenut huwa debitur lejh kif gej :

| | |
|---|---|
| Spray painting | 350 + |
| Qtugh ta' sadid 7 jiem @ LM20 | 140 |
| Windscreen u cross-member | 100 |
| Dinitrol | 12 |
| | |
| Total | 602 - |
| | |
| Depoziti LM150 + LM50 + LM200* | 400 |
| | |
| Bilanc | 202 |
| B'zieda tal-Vat | 232.30 |

- inizjalment l-attur semma' s-somma ta' LM150 (depozitu inizjali) u LM200 izda in kontro-ezami semma' l-LM50 l-ohra . Globalment dan jammonta ghal LM400, somma li jaqbel maghha l-konvenut .

- fl-avviz tat-talba l-attur inizzel is-somma ta' LM284.80 izda din hija evidentement zbaljata .

Illi l-konvenut jaqbel li l-ftehim inizjalment kien ghal LM350 spray izda ma jaqbilx fuq il-kumplament tal-kont . Jghid li apparti l-ispray, fil-ftehim inizjali kien hemm LM70 ghall-irrangar tal-

faccata tal-karozza u ghall-ibbilancjar tar-roti . Jghid ukoll li sussegwentement kien hemm ix-xoghol extra tal-cross-bar fil-front panel . Jghid li b'kollox ta' lill-attur LM400 deposit, liema somma jidher li hemm qbil fuqha wkoll .

Illi mhux kontestat illi d-difett tal-wheel balancing kien hemm meta l-konvenut ha l-vettura tieghu ghat-tiswija ghand l-attur .

Illi pero' l-attur isostni li ma kien hemm ebda ftehim li jitranga dan il-*wheel balancing* . Huwa spjega li r-roti jkunu mwahhlin mac-chassis tal-vettura, u li ma sar ebda ftehim li hu kellu jmiss dan ic-chassis . Min-naha l-ohra, ix-xoghol li sar ftehim fuqu ma kellu x'jaqsam xejn mal-balancing tar-roti: *m'ghandux x'jaqsam mal-balancing . Il-faccata fanali hemm imwahhlin maghha mhux roti.*[1] Milli jidher biex seta' jsir il-*wheel balancing* riedet tinqala' l-magna, ossia jsir xoghol minn taht il-karozza, haga li l-konvenut ma kienx dispost jaghmel izda li sussegwentement kellu jaghmel ghand certu Victor Vella li wkoll ikkonferma li d-difett kien minhabba li xi hadd kien ghamel xoghol fuq ic-chassis, li kien maqsum u ma giex iwweldjat sewwa, u kien ghalhekk li l-wheel balancing kien difettuz . Jirrizulta li dan ix-xoghol, ma kellux x'jaqsam mieghu l-attur .

Illi huwa ferm sinifikanti illi l-konvenut dam ma hallas lill-attur izda hallsu depositu wara li rcieva ittra bl-avukat, u kien ftiehem li jigu ffirmati kambjali minnu ghand l-avukat tal-attur, ghalkemm qatt ma zamm id-diversi appuntamenti illi saru ghal dan l-iskop. Kien biss meta baqa' jigi ssikkat biex ihallas li l-istess konvenut beda jillamenta minn xoghol difettuz tramite ittra li baghat permezz tal-avukat tieghu . Dan ix-xenarju fil-fehma tat-Tribunal, idghajjef ferm il-kredibilita' tal-konvenut, billi kieku tabilhaqq ix-xoghol kien difettuz kien jillamenta mill-ewwel u jirrifjuta li jkompli jhallas .

Illi ghalhekk jidher gust il-bilanc mitlub mill-attur, hlief ghaz-zieda tal-VAT, ghax, skond il-ligi, meta jigi kkwotat prezz dan ghandu jinkludi l-VAT.

Illi ghar-ragunijiet premessi, l-kontro-talba ghad-danni ghandha tigi michuda . Anke kieku ghall-grazzja tal-argument, il-vettura

[1] Deposizzjoni tal-attur, in kontro-ezami, seduta 17 t'Ottubru 2001

harget difettuza tort tal-attur, xorta wahda l-konvenut ma kellux juzaha ghax kienet perikoluza . Ix-xhud prodott mill-konvenut stess, Vella, wissieh car u tond biex ma juzahiex . Fil-fatt uzaha u habat biha billi l-brejks ma hadmux sewwa minhabba d-difett fil-*wheel alignment* . Apparti dan kollu, l-konvenut ma giebx kont wiehed in sostenn tad-danni allegatament minnu sofferti .

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad il-kontro-talba tal-konvenut kif ukoll l-eccezzjonijiet tieghu, hlief ghal dik li tirrigwarda l-VAT, u konsegwentement jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz limitatament ghas-somma ta' LM202 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-26 t'Awwissu 2000 u tas-7 ta' Dicembru 2000 bl-imghaxijiet mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S2301Gt(gm)
1240